

Brussell, 2 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12640/26

SOC 567
EMPL 320
SAN 634

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Ħatra tas-Sur Marko TALUR, membru għall-Estonja, minflok is-Sa Elina SOOMETS, li rriżenjat - <i>Adozzjoni</i>

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie informat bir-riżenja tas-Sa Elina SOOMETS, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Estonja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94¹, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Estonja nnomina lis-Sur Marko TALUR għal din il-kariga għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jagħti parir lill-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), kif tinsab fid-dokument 12637/26, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.